



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

14636/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0359 (NLE)

UD 233
COASI 208
POLCOM 167
ASIE 97

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore,
fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 1
dwar id-definizzjoni ta' “prodotti oriġinarji”
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875¹, u daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 34 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, il-Kumitat Doganali jista' jadotta Deċiżjonijiet biex jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.
- (3) Il-Kumitat Doganali, matul l-ewwel laqgħa tiegħu, se jadotta Deċiżjoni li temenda l-Protokoll 1 u l-Annessi tiegħu ("id-Deċiżjoni").
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Doganali, billi d-Deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Fl-1 ta' Jannar 2012, fl-1 ta' Jannar 2017 u fl-1 ta' Jannar 2022 saru ċerti emendi għall-Protokoll fir-rigward tan-nomenklatura li hija rregolata mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Oġġetti ("SA"). Id-Deċiżjoni hija meħtieġa biex jiġi aġġornat il-Protokoll 1 u l-Annessi tiegħu biex jirriflettu l-aħħar verżjoni tas-SA.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 294, 14.11.2019, p. 1).

- (6) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kwoti annwali stabbiliti fl-Anness B(a) tal-Protokoll 1 għal-luncheon meat fil-landa, għall-blalen tal-ħut bil-kàri, u għall-blalen tas-siċċa jenħtieġ li titwessa' sabiex l-esportaturi minn Singapore jkunu jistgħu jużawhom.
- (7) Sabiex jingħata trattament ugwali lill-operaturi ekonomiċi fiż-żewġ Partijiet fir-rigward ta' ċertifikazzjoni tal-orijini, il-Protokoll 1 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex kull Parti tkun tista' tiddeċiedi, skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, liema esportatur jista' jiċċertifika huwa stess l-orijini tal-prodotti oriġinarji tiegħu. Fl-Unjoni, dan se jippermetti li l-orijini tal-oġġetti tiġi ċċertifikata minn esportaturi rreġistrati minflok minn esportaturi approvati, b'mod simili għas-sistema applikata minn Singapore fil-kuntest tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Doganali għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Dagonali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Doganali jistgħu jiftehmu dwar korrezzjonijiet tekniċi żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill

Il-President
